# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 35**
**Rikors numru 155/11**

**Gertrude Zammit**

**v.**

**John Mark Zammit**

**Il-Qorti:**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 (e) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) wara s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta, li nghatat fis-27 ta' Ottubru, 2017.

It-talba tar-ritrattandi Gertrude Zammit hija fis-sens li talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"thassar is-sentenza moghtija fis-27 ta' Ottubru, 2017 u tordna r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza a tenur tal-Artikolu 811 (e) u/jew (l)*

> *tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni."*

Da parti tieghu, il-konvenut ritrattat John Mark sive Mark Zammit wiegeb ghal din it-talba billi sahaq li din il-Qorti ghandha tichad it-talba attrici ghar-ritrattazzjoni.

Izda jitqies opportun li jigi spjegat l-*iter* tal-kawza qabel ma gie pprezentat r-rikors tar-ritrattazzjoni in kwistjoni, sabiex wiehed jifhem ahjar il-kaz in ezami.

Illi permezz ta' sentenza tal-24 ta' Novembru, 2016, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) iddecidiet il-kawza ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti fis-sens li, ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija imputabbli liz-zewg partijiet u applikat fil-konfront tat-tnejn is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; fdat il-kura u kustodja tal-minuri Gareth f'idejn il-konvenut, filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri Gretha giet fdata f'idejn l-attrici, b'access favur il-genituri rispettivi; awtorizzat lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali 154, San Lorenzo, Triq il-Forga Naxxar ghall-perijodu ta' sitt xhur u gheluq dan il-perijodu d-dar tinbiegh kif indikat fl-istess sentenza; cahdet it-talba tal-partijiet ghall-hlas tal-manteniment fil-konfront ta' xulxin, filwaqt li ordnat li kull parti ghandha thallas l-ispejjez relattivi ghall-minuri li jirrisjedi maghha, hlief dawk ta' natura straordinarja li jirrigwardaw is-sahha tal-

minuri, li ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ndaqs; iddikjarat xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, illikwidatha u assenjat lill-partijiet sehemhom mill-istess, filwaqt li pprovdiet dwar il-beni parafernali tal-partijiet; ordnat li l-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ugwali.

Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attrici, kif ukoll il-konvenut, in kwantu l-attrici talbet ir-riforma tas-sentenza appellata, billi tigi kkonfermata fejn laqghet it-talbiet taghha u tbiddilha fejn laqghet biss parzjalment jew cahdet it-talbiet attrici u dan specjalment b'referenza ghall-kura u kustodja taz-zewg minuri u tad-dar konjugali u dan skont ir-ragunijiet esposti fl-appell taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.  Min-naha tieghu l-konvenut ukoll talab ir-riforma tas-sentenza billi jigu kkonfermati t-talbiet tal-attrici li ma gewx kontestati fl-appell tieghu u tibdilha fejn laqghet il-partijiet li gew ikkontestati minnu u fejn laqghet biss parzjalment jew cahdet l-istess talbiet, u dan kif sottomess fl-appell tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

Illi permezz tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2017, din il-Qorti diversament preseduta, iddecidiet l-appell tal-konvenut billi qalet hekk:

> "*.. tilqa' l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie stabbilit il-modalita` tal-access u minflok, tordna: li z-zewg genituri jkollhom access darba fil-gimgha ghal uliedhom, liema access ghandu jkun supervizjonat u ta' tliet sieghat darba fil-gimgha favur il-missier ghat-tifla u access supervizjonat ta' tliet sieghat darba fil-gimgha favur l-omm ghat-tifel. Fl-access iz-zewgt it-tfal ghandhom ikunu flimkien; il-granet tal-access ghandhom jigu fissati bi ftehim mal-haddiema socjali addetti mal-Agenzija Appogg tenut kont l-interessi*

> *tat-tfal, izda fin-nuqqas ta' qbil, il-Qorti tordna li l-access ikun nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt, alternattivament, jibda l-access favur l-omm is-Sibt li jmiss u l-Erbgha li jkun imiss jibda l-access favur il-missier; il-hin tal-access ta' matul il-gimgha jkun mill-4:30pm sas-7:30pm, filwaqt li l-access tas-Sibt ikun mill-10:00am sat-3:00pm; tichad il-kumplament tal-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.*
>
> "*L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell ikunu sopportati mill-konvenut*".

Filwaqt li permezz ta' *footnote* fl-ewwel pagna tal-istess sentenza gie nnutat li:

> "*L-appell tal-attrici kien gie dikjarat dezert minhabba nuqqas ta' pagament ta' kawtela*".

L-attrici ritrattandi tikkontesta din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell a tenur tal-Artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li tikkontendi li mill-atti u mis-sentenza stess jidher car li s-sentenza hija l-effett ta' interpretazzjoni hazina, kif ukoll zball li sar minn din il-Qorti, diversament preseduta, peress li tishaq li l-appell taghha, fil-mori tas-smigh tal-appell, qatt ma kien gie dikjarat dezert.

Minn ezami tal-atti tal-appell in kontestazzjoni jirrizulta li, gew intavolati l-appelli tal-attrici u tal-konvenut fit-2 ta' Dicembru, 2016 u fit-12 ta' Dicembru, 2016, rispettivament, kif ukoll ir-risposti ta' kull wiehed minnhom. L-appell kien appuntat ghas-smigh quddiem il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2017. Waqt din l-ewwel seduta, dehret l-appellanti assistita minn Dr Joseph Brincat, li ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smigh u bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela ghan-nom tal-patrocinata tieghu u l-avviz tal-

kawtela gie kkonsenjat lilu ghan-nom tal-klijenta tieghu waqt is-seduta. Permezz ta' rikors datat 20 ta' Marzu, 2017, l-attrici appellanti ntavolat rikors sabiex tikkontesta l-ammont ta' garanzija mitluba. Il-Qorti tal-Appell ordnat in-notifika tal-imsemmi rikors lill-kontro-parti u lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali. Fil-mori tal-appell, saru diversi rikorsi ohra mill-partijiet.

Wara li r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ntavola r-risposta tieghu fit-28 ta' Marzu, 2017, sabiex jispjega kif inhadmet l-istess kawtela skont il-ligi, fit-30 ta' Mejju, 2017, inghata digriet minn din il-Qorti fejn wara li regghet rat ir-rikors u r-risposta, irriservat li tipprovdi fuq ir-rikors wara li tisma' lill-partijiet u lir-Registratur tal-Qorti fl-ewwel udjenza. L-ewwel udjenza li kien imiss kienet fil-5 ta' Gunju, 2017, li giet differita ghas-26 ta' Gunju, 2017. F'din is-seduta kienu dehru l-partijiet debitament assistiti, fejn l-ewwel gie trattat ir-rikors tal-20 ta' Marzu, 2017 u wara li l-Qorti semghet lir-Registratur tal-Qorti u semghet it-trattazzjoni ta-partijiet, ordnat li jigu trattati z-zewg appelli. Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw iz-zewg appelli u b'hekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru, 2017 u ghall-provvediment dwar il-kawtela u fuq ir-rikors dwar l-access ghall-minuri ghat-3 ta' Lulju, 2017.

Fit-3 ta' Lulju, 2017, dehret l-attrici debitament assistita, fejn inghata provvediment fuq ir-rikors dwar l-access ghall-minuri, izda ma nghata

ebda provvediment dwar il-kawtela kkontestata mill-attrici. Fl-istess seduta giet ikkonfermata s-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2017, sabiex tinghata s-sentenza finali. Fil-mori tad-differiment, il-process tal-appell gie mizghud b'diversi rikorsi u risposti, izda l-ebda wiehed minnhom ma ttratta talba sabiex jinghata digriet dwar ir-rikors relattiv ghall-kawtela. Fis-7 ta' Awwissu, 2017, inghata provvediment iehor dwar l-access ghall-minuri. Filwaqt li fit-30 ta' Awwissu, 2017, Dr. Jason Grima assuma l-patrocinju tal-attrici. Is-sentenza finali effettivament inghatat fis-27 ta' Ottubru, 2017, li fiha hemm il-*footnote* li l-appell tal-attrici kien gie dikjarat dezert minhabba nuqqas ta' hlas tal-kawtela.

Dan wassal ghall-proceduri odjerni ta' ritrattazzjoni, peress li l-attrici ritrattandi tikkontendi li din il-Qorti, diversament preseduta, kienet zbaljat fid-dikjarazzjoni taghha li l-appell kien gie dikjarat dezert, tant hu hekk li tishaq li r-rikors taghha fuq il-kawtela baqa' ma giex degretat. Kwindi ssostni li din il-Qorti bi zball iddikjarat li l-appell taghha kien wiehed dezert, meta l-istess Qorti ma kkonsidratx l-aggravji kif esposti minnha fl-istess appell, u dan ifisser li applikat il-ligi hazina, kif kontemplat fl-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk targumenta li dan in-nuqqas huwa serju, li ghandu jwassal li tigi annullata s-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2017, sabiex wara li jinghata l-provvediment opportun dwar ir-rikors taghha tal-20 ta' Marzu, 2017, tghaddi sabiex tikkonsidra l-mertu tal-appell taghha. Tikkontendi wkoll li, s-sentenza tas-27 ta'

Ottubru, 2017, kienet effett ta' zball li johrog car mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza u dan skont il-provvediment tal-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

Trattati l-fatti u l-argumenti tar-ritrattandi, ghandu jinghad mal-ewwel li, ir-rikors in ezami ma jistghax ikollu ezitu pozittiv. Dana peress li l-gurisprudenza tghallem li l-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjali, li permezz tieghu giet introdotta l-Qorti tat-tielet grad, bhala mizura eccezzjonali, intiza principalment sabiex tigi evitata ingustizzja cara, minhabba fatturi li jkunu sfuggew l-ezami tal-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi precedenti, **basta li fl-ebda kaz, dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni**. F'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-23 ta' Jannar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Drive-A-Way Limited v. John Spiteri et**, fejn saret referenza ghal diversi sentenzi ohra fuq dan il-punt, fosthom, dik ta' din il-Qorti tas-7 ta' Ottubru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph E. Grech noe v. Joseph Bowman noe** fejn inghad:

> "*…ma ghandu qatt ikun accessibbli d-dritt ta' smigh mill-gdid tal-kawza fuq kull motiv, hu x'inhu, meta r-ritrattand kellu ampja opportunità li jitlob rimedju adegwat ghall-irregolarità allegata minnu ravvizata fi zmien utli fil-kors tal-proceduri ordinarji u meta dan ikun naqas li juzufruwixxi ruhu minnhom. Altrimenti jkun qed jinfetah il-bieb li jsir appell minn appell. Haga ripunjanti ghas-sistema guridiku nostran u espressament ivvjetat bil-ligi (artikolu 227 tal-Kap. 12)*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-attrici bhala promotrici tar-rikors tal-20 ta' Marzu, 2017, sabiex tikkontesta l-ammont ta' garanzija mitluba, kellha d-dover li tara u ssegwi l-istess rikors intavolat minnha, b'tali mod li hekk kif inghata d-digriet fit-3 ta' Lulju, 2017, dwar l-access ghall-minuri u dak dwar il-garanzija baqa' mhux deciz, hija kellha obbligu li tigbed l-attenzjoni tal-Qorti, hekk kif fl-istess seduta, inghata differiment ghas-sentenza finali ghas-27 ta' Ottubru, 2017. Jew tal-inqas, tressaq ir-rikors opportun qabel ma nghatat is-sentenza finali. Wara kollox, kif osservat qabel, fil-mori ta' dak id-differiment iddahhlu numru ta' rikorsi ohra, izda qatt dwar ir-rikors dwar il-garanzija li baqa' pendenti. Kwindi l-attrici ritrattandi ghandha twiegeb ghan-nuqqas taghha.

Inoltrè jinhass opportun jinghad ukoll li, sabiex ikun hemm il-possibilità ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell irid ikun hemm "*kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell*" (Artikolu 811 tal-Kap. 12). Issa ghalkemm f'dan il-kaz inghatat sentenza, l-aggravji tal-attrici ritrattandi ma ghandhom ebda konnessjoni mal-motivazzjoni u l-parti operattiva tas-sentenza minnha kkontestata, peress li s-sentenza li qeghda tintalab li tigi annullata, ittrattat biss l-appell tal-konvenut ritrattat. Is-sentenza in kontestazzjoni fl-ebda mument ma ezaminat jew iddecidiet il-mertu tal-appell tal-attrici. Ladarba l-ilmenti li ressqet l-attrici ritrattandi, ma jirrigwardawx il-mertu tas-sentenza in kontestazzjoni, dan ifisser li l-

ilmenti tal-attrici ritrattandi mhumiex proponibbli permezz ta' ritrattazzjoni, peress li r-ragunijiet imressqa fi proceduri ta' ritrattazzjoni ghandhom ikollhom rabta mas-sentenza in kontestazzjoni u mhux ma' aspetti ohra mhux decizi, li allura ma tista' ssir ebda ritrattazzjoni fir-rigward.

Fi kwalunkwè kaz, ritrattazzjoni ma tistax tinghata fuq digriet ta' dezerzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Busuttil & Busuttil Holdings Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**).

Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad it-talba tal-attrici ritrattandi kif imressqa minnha, sabiex tithassar is-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2017, u ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha relattivi u marbuta ma' din il-procedura jithallsu mill-istess attrici ritrattandi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb